MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Numru. 368/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs
George Tabone bin Dionisio u Rose nee' Bugeja, imwieled fl-24 ta' Marzu, 1958 u residenti Sta Martha, Triq is-Sajjieda, Fontana, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 16058(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Tabone li gie akkuzat talli nhar it-12.03.2009 ghal habta ta' 14:30hrs waqt li kien b'route bus nru. FBY 010 fi Triq l-Ewropa, Rabat, Ghawdex:

1) Naqas li jghabbi passiggieri waqt il-vjagg (178 MVR(1) Sec 10(2) Chap 291);
2) Wera nuqqas ta' rispett bi kliem lejn il-passiggieri;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 178 MVR (1) Sec 10(2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti, kienu tnejn min-nies biss li kienu prezenti f'dan l-incident u cioe' l-imputat u Maria Micallef oht Joseph li kienet qed takkumpanjah, fejn il-Qorti semghet zewg verzjonijiet konfliggenti. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi t-tifel Joseph Micallef huwa tifel bi bzonnijiet specjali u illi s-servizz li hu qed jinghata kien ta' transport ta' tfal tal-iskola;

Ghaldaqstant l-ewwel akkuza ma tistax tinkwadra ruhha fil-fatti ta' dan il-kaz peress illi dan ma huwiex transport kif previst f'din id-disposizzjoni tal-Ligi;

Illi ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza, il-Qorti qabel xejn tosserva illi t-tifel bi bzonnijiet specjali ghandu dejjem ikun akkumpanjat minn persuna adulta fuq vjagg u ma ghandux ikun ir-responsabilta' tax-xufier li jiehu hsieb lil dan it-tifel, izda x-xufier ghandu joqghod attent fis-sewqan tieghu. B'dana ma jfissirx madanakollu illi x-xufier ghandu jitratta hazin lil dan it-tifel kif il-Qorti temmen li gara f'dana l-kaz fejn ix-xufier kien diga' ghadda minn esperjenza hazina fi vjagg precedenti u ghalhekk ma xtaqx illi dan it-tifel jivvjagga mieghu. Ghalhekk il-Qorti temmen il-verzjoni ta' Maria Micallef;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza, izda fic-cirkonstanzi tikkundannah riprensjoni u ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------